**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 21 ta' Mejju 2018**

**Rikors Numru 15/2017**

**Vincent Carabott**

**Vs**

**Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xoghol u l-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Vincent Carabott** ipprezentat fl-14 ta' Frar 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' l-ittra datata 7 ta' Frar 2017 (Dok A) il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta informa r-rikorrenti li l-warrant tieghu ta' ghalliem kien qed jigi imhassar b'effett immedjat u dan a bazi ta' l-Artikolu 30(1)(a) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327) u dan minhabba l-fatt li skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2016, ir-rikorrent kien hati "talli nhar it-8 ta' Jannar 2015, gewwa l-bini tal-Qorti ta' Malta, fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer, ingurja jew hedded lill-Imhallef Dr Abigail Lofaro LL.D. waqt li taghmel jew minhabba li tkun ghamlet id-dmirijiet taghha jew bil-hsieb li jbezzaghha inkella li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghha ....", kif ukoll multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200). Il-Qorti kkonfermat il-piena ta' tnax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) (Dok B);*

*Illi jidher car li r-rikorrenti inghata piena karcerarja ta' 12-il xahar b'hekk mhux aktar minn sena u bhala rizultat l-Artikolu 30(1)(a) ma kellhiex tigi applikata fil-konfront tar-rikorrenti;*

*Illi barra minhekk jidher car li sad-data ta' l-ittra l-Ministru ma kienx ghamel l-avviz fil-Gazetta tal-Gvern, kif mitlub minn Artikolu 30(2) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni. B'hekk dan l-artikolu jirrikjedi li sabiex it-thassir ta' warrant isehh ikun hemm zewg avvizi wiehed mill-Ministru fil-Gazetta tal-Gvern u iehor mill-Kunsill intimat lir-rikorrenti. Jidher li l-procedura stipulata mill-artikolu ma kienx gie konkluz bl-avviz mill-Ministru;*

*Ghaldaqstant, ir-Rikorrenti jitlob lil dan it-Tribubal sabiex jirrevoka d-decizzjoni ghat-thassir tal-warrant tieghu kif espressa fl-ittra tas-7 ta' Frar 2017, bl-ispejjes kontra l-intimat."*

Ra r-risposta **<u>tal-intimati</u>** pprezentata fit-13 ta' Marzu 2017 li permezz taghha eccepew is-segwenti:-

*"*

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jecepixxu illi t-terminu biex tigi pprezentata risposta qatt ma beda jidekorri stante illi r-rikorrent ma harig notifika fil-konfront tal-Avukat Generali u dan kollhu ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-esponenti jeċċepixxu n-nullità tar-rikors promotur stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ ad validitatem a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*<u>Eccezzjonijiet fil-Mertu</u>*

1. *Illi permezz ta' l-ittra datata ta' 7 ta' Frar 2017, l-esponent Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta informat lir-rikorrenti kien qed jigi imhassar b'effett immedjat u dan a bazi ta' l-Artikolu 30 (1) (a) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327 tal-ligijiet ta' Malta) u dan minhabba l-fatt li skont is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2016 fl-isimijiet **"Il-Pulizja Spettur Sylvana Briffa Vs Vincent – Martin Carabott" (appell numru 459/2015)**, ir-rikorrent instab hati ta' offiza ai termini tal-artikolu 93 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn giet ikkonfermata il-piena ghal hlas ta' multa ta' elf u mitejn Ewro (1,200) u piena ta' tnax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2);*

2. *Illi d-delitt ta' liema r-rikorrent instab hati, specifikament l-artikolu 93(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta igorr piena ta' aktar minn sena prigunerija:*

   *Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta:*
   *93.(1) Kull min jinġurja jew ihedded imħallef, jew l-Avukat Ġenerali, jew maġistrat, jew ġurat, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel id-dmirijiet tiegħu, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn* ***<u>disa' sa tmintax-il xahar u għal multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (500) u mhux iżjed minn elf u ħames mitt euro (1,500) (Sottolinjar tal-esponenti)</u>***

3. *Illi ghalhekk l-artikolu 30 (1) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni gie pjenament sodisfatt stante illi dak illi jirrikjedi dak l-artikolu huwa li d-delitt igorr piena ta' aktar minn tnax il-xahar (12) prigunerija u mhux il-piena li effetivament tinghata lill-akkuzat;*

4. *Illi fir-rigward tal-avviz relattiv abbazi tal-artikolu 30(2) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, dan l-avviz inhareg fid- 28 ta' Frar 2017 fil-gazzetta tal-Gvern liema kopja tal-estratt tal-gazzetta tal-gvern Nru./No. 19,733 qieghda tigi annessa u mmarkata hawnhekk bhala Dok 'ME 1'*

5. *Illi kif gia inghad, ir-rikorrenti gie mgharraf bid-decizjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta permezz tal-ittra datata 7 ta' Frar 2017 u ghaldaqstant il-Kunsill certament ikkomunika id-decizjoni tieghu lill-persuna skwalifikata;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-hrug ta' avviz o meno abbazi tal-artikolu 30 (2) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni m'huwiex rekwizit ad validitatem sabiex ir-revoka jew thassir ta' tali warrant treggi;*

7. *Illi ghalhekk il-hrug o meno tal-avvizi surreferiti ma jimpingux fuq it-thassir tal-istess warrant;*

8. *Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

9. *Illi ghar-ragunijiet suesposti u kif ha jigi trattat fil-mori ta din il-kawza, l-esponenti certament idderigaw ruhom b'd mod korett meta hadu id-decizjoni mertu ta' din il-kawza u ghaldaqstant tali decizjoni ghandha tigi kkonfermata minn din l-Onorabbli Qorti;*

   *Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistghu jingiebu fil-mori ta' din il-kawza l-esponenti qieghdin bl-akbar rispett jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."*

Ra s-sentenza preliminari dwar it-tieni eccezzjoni tal-intimati deciza fis-6 ta' Lulju 2017;

Sema' lir-rikorrent u lix-xhieda mressqa minnu;

Sema' lil Dr. Mateja Farrugia, Chairperson tal-Kunsill intimat, u lix-xhieda mressqa mill-intimati;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kunsill intimat datata 7 ta' Frar 2017 li permezz taghha gie mgharraf li l-*warrant* tieghu ta' ghalliem gie imhassar b'effett immedjat a bazi ta' l-Artikolu 30 (1) (a) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kapitolu 327). Ir-raguni li nghatat lir-rikorrent ghal tali thassir kienet sentenza li nghatat fil-konfront tieghu fis-27 ta' Ottubru 2016 mill-Qorti

ta' l-Appell Kriminali fejn gie kkundannat multa ta' elf u mitejn ewro (€1200) u tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal zmien sentejn.

**Ikkunsidra:**

Illi **r-rikorrent** ipprezenta affidavit pjuttost dettaljat tal-karriera tieghu fil-qasam edukattiv u wkoll spjega l-problemi familjari li kellu fejn martu kienet ghamlet minn kollox biex tizgumbrah mid-dar matrimonjali. Jispjega illi l-akkuzi kriminali fil-konfront tieghu hargu proprju wara seduta li kellu fil-Qorti tal-Familja fejn kienet qieghda tigi trattata talba ta' martu ghall-izgumbrament tieghu fejn fuq mistoqsija tal-avukat tieghu dwar fejn seta' jmur jekk huwa jigi zgumbrat, ir-rikorrent wiegeb li jekk jigi zgumbrat jispicca quddiem il-Qorti jew inkella wara l-bieb tal-Imhallef. Wara jumejn minn meta kellu s-seduta fil-Qorti tal-Familja huwa gie arrestat u mressaq il-Qorti fuq il-kliem li qal fl-istess seduta u inzamm hdax-il jum taht arrest preventiv sakemm fl-14 ta' Ottubru 2015 giet deciza l-kawza, liema decizjoni giet konfermata permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Dicembru 2016. Sussegwentement, permezz ta' ittra datata 7 ta' Frar 2017 huwa gie mgharraf mill-Kunsill intimat li kien gie revokat il-*warrant* ta' ghalliem wara li nghatat is-sentenza msemmija.

**Emanuel Zammit**, Direttur ghal-Litterizmu Digitali u Hiliet Transversali fi hdan il-Ministeru intimat, spjega illi r-rikorrent huwa *Education Officer* pero` wara li ttihidlu l-*warrant* huwa ma jistghax ikollu kuntatt mat-tfal u cioe` ma jistghax jidhol jara klassi fejn hemm it-tfal.

**Ian Mifsud**, Direttur Generali ghall-Kwalita` u l-Istandards fl-Edukazzjoni, spjega illi wara li l-kawza kriminali kontra r-rikorrent ghaddiet in gudikat huma hassew li dak li kien qed jigri ma kellux x'jaqsam mal-ambitu tax-xoghol tieghu u li ghalhekk ma kellux ikun hemm impatt fuqu fl-ambitu tax-xoghol tieghu. Pero` jghid li wara d-decizjoni tal-Kunsill intimat, huwa kellu jiehu azzjoni peress li biex wiehed jezercita d-dmirjiet ta' *Education Officer* bilfors ried ikollu *warrant* ta' ghalliem.

**Laurence Azzopardi,** Segretarju tal-Kunsill intimat, spjega illi l-Kunsill iddiskuta s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-konfront tar-rikorrent fil-laqgha tas-17 ta' Jannar 2017 u ttiehdet id-decizjoni appellata, fejn gie ukoll deciz illi ghandu jinghata cans lir-rikorrent li japplika mill-gdid ghall-warrant kif tipprovdi l-ligi. Jispjega li wara li r-rikorrent gie infurmat b'din id-decizjoni permezz ta' ittra datata 7 ta' Frar 2017, inhareg avviz fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Frar 2017 dwar l-istess decizjoni. Jispjega li dan l-avviz ma harigx kontestwalment mal-ittra ghaliex ma kienx jaghmel sens li jippubblikaw it-thassir tal-*warrant* u fl-istess nifs ir-rikorrent seta' applika mill-gdid ghall-*warrant*. Ghalhekk hallew ftit zmien biex jaraw kif se jizvolgu l-affarijiet.

**Dr. Mateja Farrugia**, *Chairperson* tal-Kunsill intimat, spjegat illi t-thassir tal-*warrant* f'dan il-kaz huwa dettat mil-ligi u li l-Kunsill m'ghandu l-ebda diskrezzjoni. Tispjega li fl-istess decizjoni tieghu, il-Kunsill, barra li rtira l-*warrant* ta c-cans lir-rikorrent jerga' japplika bil-kundizzjoni li jesebixxi l-fedina penali tieghu stante li fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kien hemm referenza li r-rikorrent huwa recediv. Tispjega li l-Kunsill kellu sentenza quddiemu u huma ma setghux jidhlu fil-mertu tal-kaz kriminali *per se*.

**Ikkunsidra:**

Illi b'referenza ghall-ewwel eccezjoni tal-intimati din giet sorvolata peress li fis-seduta tas-26 ta' April 2017 Dr. Miguel Degabriele iddikjara li l-Avukat Generali kien qieghed jaghti ruhu b'notifikat b'dawn il-proceduri.

Illi l-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema (iktar 'il quddiem "il-Kunsill) kien tal-fehma illi ai termini tal-artikolu 30 ( (1) (a) tal-Kapitolu 327 (Att Dwar l-Edukazzjoni) ir-rikorrent kellu jigi skwalifikat mill-*warrant* ta' ghalliem. Illi din id-decizjoni wasal ghaliha wara li ha in konsiderazzjoni s-sentenza kontra r-rikorrent deciza fis-27 ta' Ottubru 2016 u li tinsab esebita minn fol. 4 sa fol. 11 tal-atti. Ir-rikorrent spjega lil dan it-Tribunal ic-cirkostanzi kollha ta' dik il-kawza u x'geghlu jwettaq l-agir li tieghu instab hati. Illi l-akkuzi li r-rikorrent iffacja fil-kamp penali kienu dawk ai termini tal-artikolu 93 (1) tal-Kodici Kriminali u cioe`:-

*"Kull min jinġurja jew ihedded imħallef, jew l-Avukat Ġenerali, jew maġistrat, jew ġurat, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel id-dmirijiet tiegħu, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'* ***priġunerija minn disa' sa tmintax-il xahar*** *u għal multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (500) u mhux iżjed minn elf u ħames mitt euro (1,500)."*

Dwar dan ir-reat huwa gie kkundannat sena prigunerija sospiza ghal sentejn u multa ta' elf u mitejn ewro (€1200).

Illi artikolu 30 (1) (a) tal-Kapitolu 327, li abbazi tieghu il-Kunsill intimat irtira l-*warrant* tar-rikorrent jghid is-segwenti:

*"(1) Ebda persuna ma tikkwalifika li tikseb jew ma għandha żżomm warrant skont dan l-Att jekk dik il-persuna tkun insabet ħatja minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali:*
*(a) ta' xi delitt li għalih hemm* ***piena ta' iktar minn sena priġunerija****;"*

Illi t-Tribunal jirrileva illi fil-maggorparti tar-reati wiehed isib li bhala kundanna jkun hemm minimu u massimu. Illi din id-diskrezzjoni tinghata lill-gudikant sabiex ikun jista' jikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Illi

f'dan il-kaz, ir-rikorrent gie kkundannat perjodu ta' sena prigunerija sospizi ghal sentejn u ghall-hlas ta' multa. Illi ghalkemm il-piena moghtija fiha nfisha ma hix ta' iktar minn sena prigunerija, il-fatt jibqa' li r-reat imwettaq mir-rikorrent hemm mahsuba ghalih piena ta' iktar minn sena prigunerija.

Illi t-Tribunal jifhem ic-cirkostanzi sfortunati li fih sehh l-incident li wassal ghall-kundanna tar-rikorrent, pero` t-Tribunal irid jinterpreta l-ligi hekk kif inhi mfassla mil-legislatur. Illi t-Tribunal josserva illi fejn il-legislatur ried li certi permessi ma jinghatawx lil persuni li kkommettew reati li maghhom igorru minimu ta' zmien ta' prigunerija gie stipulat hekk fl-istess legislazzjoni (ara per ezempju Regolament 130A (3) tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11) fejn hu stipulat li permess ta' xufier ma jiggeddidx jekk l-applikant ikun inghata sentenza ghal reat punibbli **b'minimu ta' tlett (3) xhur prigunerija)**[1]. Li kieku dan it-Tribunal kellu jaghti definizzjoni differenti tas-subiniciz in kwistjoni ikun arroga fuqu poter legislattiv.

Illi sorvolat il-mertu tal-pendenza, it-Tribunal se jaghmel accenn ghal kwistjoni mqajjma mir-rikorrent fir-rikors promutur u cioe` illi l-Ministru intimat ma' ppubblikax it-telfien tal-*warrant* fil-Gazzetta tal-Gvern u kien biss wara li gie intavolat dan ir-rikors li saret tali pubblikazzjoni. Illi t-Tribunal jinnota illi ai termini tal-artikolu 30 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, għandu jingħata avviż ta' dak it-telfien mill-Ministru fil-Gazzetta tal-Gvern u dan it-tagħrif jitwassal mill-Kunsill lill-persuna skwalifikata. Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal it-taghrif fil-Gazzetta tal-Gvern huwa fl-interess tal-pubbliku in generali u ma jzid jew inaqqas xejn mid-decizjoni mehuda mill-Kunsill. Illi gie spjegat ghala l-Kunsill intimat kien ha d-decizjoni li ma jippubblikax it-telfien tal-*warrant* kontestwalment mat-tehid tad-decizjoni tieghu. Dan sar sabiex ir-rikorrent ikollu cans jivvaluta jekk riedx jerga' japplika mill-gdid sabiex il-Kunsill jikkunsidra jergghax jaghtih il-*warrant.* Madankollu meta l-Kunsill intimat gie notifikat b'dawn il-proceduri kien car li r-rikorrent ma kienx se jaghmel tali talba u ghalhekk gie ppubblikat it-telfien tal-*warrant* fil-Gazzetta tal-Gvern. Illi ghaldaqstant l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ma jimpingix fuq l-effettivita` *o meno* tat-telfien tal-*warrant.*

Illi t-Tribunal jifhem illi huwa hasra illi meta r-rikorrenti kien qrib l-eta` tal-irtirar tieghu huwa se jispicca bla *warrant* ta' ghalliem, anke jekk il-Kunsill intimat jista' jerga' jikkunsidra applikazzjoni da parti tieghu mill-gdid. It-Tribunal jifhem ukoll li dan se jirreka danni lir-rikorrent, pero` dan it-Tribunal ma jistghax ikun soggettiv fil-gudizzju tieghu ghaliex kieku kien hekk tispicca c-certezza kollha legali li l-ligijiet jaspiraw li jistabilixxu fil-pajjiz.

[1] Enfasi tat-Tribunal

Għaldaqstant, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, il-Kunsill intimat ta l-interpetazzjoni tal-liġi hekk kif ried il-leġislatur u dan it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura fiha.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet esposti hawn fuq, qiegħed jiċħad it-talba tar-rikorrent u jikkonferma d-deċiżjoni tas-7 ta' Frar 2017 tal-Kunsill intimat li permezz tagħha ġie imħassar il-*warrant* ta' għalliem tar-rikorrent (Numru 8792).

Bl-ispejjeż a kariku tar-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**